**4 ta' Frar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Bigeni *et*

*versus*

Angela, mart Emanuel Paul Cefai *et*

## Korrezzjoni ta' Isem

*Il-liġi tippermetti li jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet, u multo magis tippermetti li l-isem ta' persuna ndikat bħala Pawlu jsir Emanuel Pawlu. Biex dan ma jkunx jista' jsir, għaliex ibiddel is-sustanza fl-azzjoni, trid tirrikorri problema ta' l-identità preċiża tal-persuna u mhux sempliċement varjazzjonijiet u appellativi kif dik l-istess persuna, preċiżament identifikata, tiġi indikata fl-atti.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan hu appell minn digriet mogħti fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' – Għawdex – f'din il-kawża, fil-5 ta' Ġunju, 1991;

Il-verbal ta' dik is-seduta, fil-parti rilevanti tiegħu jaqra hekk:

"Meta ssejjaħ ir-rikors dehru l-partijiet debitament assistiti;

Dr. Carmelo Galea LL.D. għar-rikorrent jitlob illi fil-korp tar-rikors wara l-kliem Rikors ta' Carmel Bigeni jiżdiedu l-kliem "u l-Perit Victor Bigeni fil-kwalità tagħhom premessa";

Il-Bord, jilqa' t-talba u jordna l-korrezzjoni kif mitluba. Ir-rikorrenti jitolbu li jiġi allegat ir-rikors numru 2/89 fl-ismijiet "Carmel Bigeni *et nomine versus* Angela Cefai *et*" ċedut f'April, 1991 u dana sabiex issir referenza għall-provdi hemm miġjuba

u anke għar-riżultanzi ta' l-aċċess li kien ġie miżmum mill-istess Bord;

Jilqa' t-talba u jordna l-allegazzjoni tal-proċess;

Dr. Anton Refalo LL.D. għall-intimati, jiddikjara illi l-isem tar-raġel ta' l-intimata Angela Cefai jismu (*recte*, huwa) Emanuel Paul Cefai;

Dr. Carmelo Galea LL.D. għar-rikorrenti għalhekk jitlob korrezzjoni billi l-okkju, kull fejn jirrikorru l-kliem Pawlu Cefai *dana jiġu sostitwit (bil-kliem) "Emanuel Paul Cefai"*;

Dr. Anton Refalo LL.D. jopponi ruħu stante l-fatt illi b'din il-korrezzjoni l-Bord ikun iqiegħed jissana ħaġa illi kienet difettuża mill-bidu u bl-istess korrezzjoni jkun qed jinbidel persuna waħda (*sic*) li huwa msemmi bħala intimat f'dan ir-rikors;

Il-Bord – billi din il-korrezzjoni ġiet neċessitata minħabba żvista li ma tippreġudika bl-ebda mod lill-intimati;

Jilqa' t-talba u jordna l-korrezzjoni kif mitluba u jordna li l-intimati jiġu notifikati bir-rikors kif korrett";

L-intimati appellaw fuq dawn il-pretensjonijiet:

(a) illi l-Bord laqa' t-talba biex jiżdiedu l-kliem "u l-Perit Victor Bigeni *fil-kwalità tagħhom premessa" mingħajr ma ta l-opportunità lill-imputati li jopponu t-talba*;

(b) illi l-isem "Pawlu" ma setgħax jinbidel f' "Emanuel Paul" għaliex dan huwa żball irremedjabbli, u din il-korrezzjoni tolqot direttament is-sustanza ta' l-azzjoni għaliex tinbidel waħda mill-partijiet in kawża;

Dawn l-hekk imsejħa aggravji huma esposizzjonijiet li ma jiġġustifikaw ebda appell;

Fuq ta' l-ewwel, taħt l-ittra (a) l-Qorti tirrifjuta li tagħti xi piż għall-allegazzjoni illi l-Bord, wara t-talba għall-korrezzjoni mir-rikorrenti, waqt li l-intimati kienu preżenti fis-seduta, **ma ħallihomx**, jopponu l-istess talba, u jekk dan ġara, allura huma kellhom jivverbalizzaw dik l-opposizzjoni jew jippreżentaw l-att ġudizzjarju opportun biex l-opposizzjoni tagħhom kienet tirriżulta kif imiss. M'hemm xejn fil-verbal ikkwotat u għalhekk din l-esposizzjoni trid tiġi mwarrba;

It-tieni waħda – dik taħt l-ittra (b), ma tagħtix każ ta' dak li hemm b'mod l-aktar ċar fl-artikolu 175 Kap. 12:

"(1) Il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, sew minn jeddha jew wara talba ta' waħda mill-partijiet, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, inkella billi **jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidher**, jew xi żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla, ukoll bil-mezz ta' nota separata ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi, basta li ebda tibdil bħal dan ma jkunx ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni";

**Jekk il-liġi tippermetti li jiżdied jew jitneħħa l-isem ta'**

**waħda mill-partijiet,** *multo magis* tippermetti li l-isem ta' persuna ndikat bħala Pawlu jsir Emanuel Pawlu. **Biex dan ma jkunx jista' jisr, għaliex ibiddel is-sustanza fl-azzjoni jew fl-eċċezzjoni, trid tirrikorri problema ta' l-identità preċiża tal-persuna u mhux sempliċement varjazzjonijiet u *appellativi kif dik l-istess persuna, preċiżament identifikata*,** tiġi indikata fl-atti;

Il-liġi trid tissalvagwarda l-leġittimità tal-persuna li tkun parti fil-kawża – u tippermetti eċċezzjoni fuq daqshekk u mhux żbalji fil-kliem ta' l-isem u l-kunjom tal-persuna li hija leġittimament parti in kawża u kjarament identifikata. U kemm dan huwa hekk fil-każ preżenti, huwa lampanti, għaliex kienu l-istess intimati li ndikaw l-isem sewwa tal-persuna li huma jafu ben tajjeb li huwa verament u leġittimament parti fil-kawża;

L-intimati mbagħad, in sostenn ta' din l-esposizzjoni żbaljata, irriferew għal żewġ sentenzi – it-tnejn **irrilevanti** għal **din** l-applikazzjoni ta' l-art. 175:

(a) *dik ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1952 fl-ismijiet* Busuttil *vs* Tanti Bellotti – Vol. XXXVI.I.200 – għaliex din korrettement iddikjarat li ma tistax tikkoreġi żbalji ta' isem ħażin – *però dan* ***għaliex dan qiegħed fis-sentenza tal-qorti ta' l-*** **ewwel grad** u

(b) dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 1957, fl-ismijiet Cachia *vs* Dr. Bellanti, inwkantu din sempliċement irriteniet li żball fl-isem ta' xi parti, **f'sentenza,** tal-Bord li Jirregola l-Kera, jirrendi dik is-sentenza nulla;

Il-Qorti ssorvolat kompletament il-problema ta' ritwalità, li għalkemm il-Bord ta **żewġ digrieti** separati, u l-intimati għamlu appell **wieħed,** bl-ewwel "aggravju fuq l-ewwel digriet, u t-tieni, fuq it-tieni, però dan ma jfissirx li qed tissanzjona b'xi mod tali proċedura imma sempliċement ma tridx aktar dilungar proċedurali, li jtawwal bla bżonn it-trattazzjoni tar-rikors;

Għalhekk – din il-Qorti, billi ma tistax tikkondanna appelli ta' din ix-xorta minn digriet interlokutorji, hekk frivoli u vessatorji – waqt li tiċħad l-appell u tikkonferma l-operat tal-Bord li Jirregola l-Kera għal Għawdex – tikkundanna lill-intimati li jħallasu l-ispjjeż ta' l-appell għal darbtejn.